il-Gżejjer

IS-SITT SENA MEJJU 1977 Nru. 69

# Wirja ta' Skultura Kontemporanja Taljana



Il-President tar-Repubblika Dr Anton Buttigieg, nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju inawgura Wirja ta' l-Iskultura Kontemporanja Taljana fis-Sala tal-Gran Kunsill fil-Palazz, il-Belt Valletta. Din il-Wirja tat bidu ta' Festival Internazzjonali ta' l-Arti li jsir f'Malta kull sentejn.

F'din il-Wirja hemm 117-il biċċa xogħol ta' l-arti li juru l-iżvilupp ta' l-iskultura Taljana matul dan l-aħħar seklu.

# TAGĦRIF MILL-PARLAMENT

### POSTIJIET GĦALL-BTALA

Skond avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Ġunju, 1976, kien ġie mgħarraf li postiijet għall-btala li kienu għadhom taħt kostruzzjoni setgħu jiġu rreġistrati jekk ikun hemm prova li l-P.A.P.B. ikun diġà ħareġ il-permess meħtieġ.

Billi l-istess avviż iffissa l-15 ta' Lulju, 1976 bħala l-jum ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' dawn il-postijiet, bini li mhux lest u li għalih ma saritx applikazzjoni fiż-żmien preskritt ma jistax jinkera għall-btala.

* * *

### ALLOKAZZJONI TA' DJAR

L-Awtorità tad-Djar tagħmel allokazzjoni diretta f'dawn il-każi: —

i) Persuni li jkollhom jiġu akkommodati f'post ieħor minħabba proġett governattiv.
ii) Każi ta' periklu.
iii) F'każi umanitarji u f'ċirkustanzi speċjali.

Kull każ ikun ikkunsidrat fuq il-meritu tiegħu u jekk ikun mistħoqq ikun offrut post minn dawk li l-Awtorità tad-Djar ikollha disponibbli.

* * *

### ĠBIR TA' L-ISKART

Il-vejikoli għall-ġbir ta' l-iskart, użati mid-Dipartiment tas-Saħħa huma magħluqa biex jiġi evitat li l-iskart jinxtered mat-toroq.

Il-pulizija li jaħdmu f'koperazzjoni mas-sezzjoni tad-disponiment ta' l-iskart għandhom istruzzjonijiet biex jieħdu passi kontra trakkijiet privati li jkunu sejrin ibattlu fil-barrieri, u li ma jkunux magħluqa.

Naturalment it-toroq imsemmija jiġu mnaddfa regolarment.

* * *

### PRODOTTI TA' ARTIĠJANAT MALTI

Il-prodotti ta' artiġjanat Malti li jinbiegħu hawn Mala jvarjaw ħafna. Fost dawn insemmu oġġetti maħduma mill-ħadid, ram, fidda u deheb, ġebla ta' Malta, fuħħar u ċeramika, injam, xogħol ta' funderija, newl, bizzilla, rakkmu, ganutill, xogħol tal-ganċ, xogħol tas-suf bil-labar (knitting), ħjata, ħaġar prezzjuż, qasab u rattan, xemgħa, pupi u 'soft toys', tapiti, ħġieġ, xogħol tal-ġild u oħrajn.

Għalkemm id-domanda lokali qiegħda dejjem tikber pass pass maż-żieda fit-turiżmu — u l-bejgħ lit-turisti huwa forma oħra ta' esportazzjoni, hemm ukoll prodotti ta' artiġjanat li qed jiġu esportati, fosthom ħġieġ, ċeramika, tapiti, xogħol tal-ganċ, xogħol tal-qasab u rattan, xogħol ta' l-injam, ħadid u metal bħalma huma pipi u armaturi ta' kavallieri, 'badges', bizzilla, tvalji u srievet, bandieri, ġgieget, kowtijiet u xogħol ieħor tal-ġild, 'soft toys', xogħlijiet tal-fidda u markeżiti, eċċ.

### ĦALIB FL-ISKEJJEL

Il-ħalib qed jitqassam kuljum f'kull skola tal-Gvern skond id-domanda li jagħmel/tagħmel il-kap ta' l-iskola.

Jintbagħat ħalib *flavoured* u ħalib abjad. Il-*Flavoured* jitqassam lit-tfal waqt il-break, waqt li l-ħalib abjad jintuża għal Home Economics Classes fis-Sekondarji.

Bħal issa 359 crates (6,500 flixkun tal-pinta) u 381 pinet ħalib abjad qed jitqassmu fl-iskejjel ta' Malta u dawk tista' tgħid li jinxtorbu kollha.

Meta f'xi skola jibqa' xi ftit fliexken tal-ħalib dawn jingħataw lil xi istitut fil-viċin. Pero' dawn huma każ rari, għax il-kapijiet ta' l-iskejjel għandhom ordni li jirregolaw id-domanda tagħhom minn ħin għal ħin skond kemm ikun qiegħed jinxtorob ħalib.

* * *

### RESIDENTI BARRANIN

Fl-aħħar ta' Jannar, 1971, in-numru ta' barranin li kellhom permess ta' residenza kien 4,174. Minn Awissu tal-1971, il-Gvern beda jippubblika kull xahar l-ismijiet ta' dawn in-nies fil-Gazzetta tal-Gvern.

* * *

### RATA TAT-TAXXA

Id-Dipartiment ibiddel ir-rata ta' tnaqqis taħt il-PAYE ma' kull kont li joħroġ minn sena għall-oħra. Normalment jekk jirriżulta li tħallset taxxa żejda din tiġi rifuża; jekk il-PAYE mħallsa ma tkunx biżżejjed il-bilanċ dovut jiġi kkuntjat f'rata ġdida ta' tnaqqis għall-quddiem (jekk is-somma ma tkunx qawwija). B'danakollu jekk it-taxpayer jagħmel pagament dirett, id-Dipartiment jaġġustalu r-rata ta' tnaqqis (PAYE Rate).

* * *

### TURIŻMU

Bl-isforzi li qed jagħmel il-Gvern fis-setturi kollha tas-swieq barranin u dejjem jekk l-ekonomija xejn tajba ta' dawn il-pajjiżi ma tkomplix teħżien il-Gvern għandu f'rasu li jġib madwar 400,000 turist. F'dak il-kas id-dħul ikun £M33 miljun.

* * *

### GĦAJNUNA LIS-SAJJIEDA

L-ammont ta' £61,042 f'assistenza lis-sajjieda f'dawn l-aħħar ħames snin kienu kollha grants, u tqassmu hekk: —

| | | MALTA | GĦAWDEX |
|---|---|---|---|
| | £ | £ | £ |
| 1972/73 | 9,458 | 6,833 | 2,625 |
| 1973/74 | 13,245 | 10,032 | 3,213 |
| 1974/75 | 8,865 | 7,105 | 1,760 |
| 1975/76 | 20,374 | 11,974 | 8,400 |
| 1976/77 | 9,100 | 6,300 | 2,800 |
| | £61,042 | £42,244 | £18,798 |

Barra minn dawn fis-sena 1972/73 kien hemm ukoll £11,077 li ngħataw bħala self.



NHAR is-7 ta' April, 1977, kien iċċelebrat mad-dinja kollha bħala

# JUM IS-SAĦĦA

**Għal din l-okkażżjoni il-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent it-Tabib V. Moran kellem lin-Nazzjon Malti u Għawdxi minn fuq il-mezzi tax-Xandir.**

"Illum is-7 ta' April id-dinja tiċċelebra jum is-Saħħa tagħha. Qed tingħaqad ma' l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) biex tikkommemora l-anniversarju ta' meta fis-7 ta' April, 1948, din l-Organizzazzjoni għamlet il-kostituzzjoni tagħha. Din l-għaqda, din l-organizzazzjoni, hija organizzazzjoni taħt il-kappa tal-Ġnus Magħquda. Bħal organizzazzjonijiet oħra din qed tagħti lill-popli tad-dinja l-progress, qed turi lill-popli tad-dinja kif għandhom ikabbru s-saħħa tal-ġnus tagħhom; Qed tgħaqqad il-popli flimkien biex fid-dinja ġġib il-paċi dejjiema.

Kull sena din l-għaqda tagħti messaġġ divers lill-popli tad-dinja. Il-messaġġ ta' din is-sena għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-mard bit-tilqim. It-tema hi: "ĦARSU LILL-ULIEDKOM, LAQQMUHOM".

Li wieħed jimrad u jfieq, illum wieħed jista' jagħmilha b'iktar faċilità milli kien jista' jagħmilha qabel, minħabba il-progress li għamlet ix-xjenza f'dawk li huma mediċinali. Iżda hemm il-mezz illi wieħed iħares lilu nnifsu minn mard qabel jimrad bih. Dan hu ħaġa possibbli. Għaliex il-ġisem għandu mekkaniżmu li nsejħulu l-"mekkaniżmu immonoloġiku. Dan il-mekkaniżmu illi qiegħed fil-ġisem, iħares lil bniedem milli jirkbu l-mard.

F'dan il-kamp sar studju f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Wara dan l-istudju żviluppa ħafna TILQIM illi jipproteġi lil bniedem minn ħafna mard. S'issa l-protezzjoni kienet minn mard illi l-kaġun tiegħu huma l-mikrobi. Nisperaw illi fil-futur mhux imbiegħed, nibdew inħarsu lilna nfusna bit-tilqim minn mard ieħor illi huwa kkaġunat mhux biss mill-mikrobi imma minn affarijiet oħra bħalma huma l-kanċer.

L-għajta, il-messaġġ illi qed tibgħat l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa lill-popli tad-dinja ilha li nstemgħet f'pajjiżna. Fi tfuliti, jien niftakar ommijiet jiġru b'uliedhom f'bereġ u għand tobba biex ilaqqmuhom kontra l-ġidri; marda kiefra, marda qattiela. F'Malta it-tilqim kontra l-ġidri kien dejjem obbligatorju. Pass għaqli l-għaliex sa minn ħafna snin lanqas kellna każ wieħed biss ta' ġidri f'pajjiżna. Fl-1975 bi sforz sfieq ta' l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa biex ilaqqmu f'pajjiżi anke l-anqas żviluppati, din il-marda kważi inqerdet minn wiċċ id-dinja. Fl-1976, is-sena l-oħra, każ wieħed biss ta' ġidri ġie rapportat fid-dinja kollha.

Jekk inħarsu f'dak li huwa difterite, min jaf kemm ommijiet u ġenituri kienu beżagħna li wliedhom sejrin jieħdu din il-marda kiefra. Illum, bit-tilqim kontra d-difterite dan il-biża' ma għadux hemm. Naraw ukoll min jaf kemm ġenituri għaddew iljieli ma' uliedhom li kellhom is-sogħla konvulsiva. Illum bit-tilqim kontra din il-marda dan il-biża' ma għadux hemm. Għalkemm ma spiċċatx għal kollox, ma għadhiex kiefra u tal-biża' bħal ma kienet. Jekk naraw ukoll it-tilqim illi sar kontra l-poliomyelitis jew il-paralisi infantili, naraw il-frott tiegħu. Fl-1961, il-Gvern daħħal it-tilqim kontra din il-marda. Minn dak iż-żmien 'il hawn, f'pajjiżna ma kellniex każ wieħed biss ta' polio, ta' paralisi. Dan huwa veru progress ta' min jiftaħar bih.

Inħarsu wkoll lejn it-tilqim kontra t-tuberkulosis. Fejn qabel konna naraw numru konsiderevoli ta' Maltin li kienu jsofru minn din il-marda, nistgħu ngħidu illi s-sena l-oħra mill-poplu ta' Malta kollha, kellna biss 29 każ ta' tuberkulosis. Ukoll progress dovut għat-tilqim kontra din il-marda.

Naraw ukoll it-tilqim kontra t-tefojde, kontra r-rabbia, kontra l-influwenza u kontra l-ħożba Ġermaniża. Dan it-tilqim il-Gvern qiegħed jagħtih b'xejn lil ħafna nies. Ħafna minnu qed jagħtih b'xejn lil kulħadd. Tilqim ieħor qed jagħtih b'xejn lil dawk illi għandhom riskju aktar minn ħaddieħor. Per eżempju, fil-każ ta' l-influwenza — lix-xjuħ, lil dawk illi huma esposti minħabba xi infezzjonijiet tal-pulmun, qed nagħtu t-tilqim ta' l-influwenza b'xejn lil min irid. Fil-każ tar-rabbia, qegħdin noffru dan it-tilqim b'xejn lill-Pulizija, lill-impjegati tal-portijiet; fl-ajruport jew fil-portijiet. Aħna ngħidu illi poplu li hu mħares mill-mard dan ikun poplu b'saħħtu, u allura jista' jagħti kontribut aħjar kontribut iktar lejn il-pajjiż.

U llum jien f'isem pajjiżi, ningħaqad mal-popli, mal-ġnus tad-dinja kollha u nsellem lil dawk ix-xjentisti illi f'dawn l-aħħar ħamsin sena ħadmu bla heda biex jiżviluppaw dan il-qasam ta' ħarsien kontra l-mard, qasam illi jekk inħarsu lejn dawn l-aħħar snin ta' pajjiżna naraw kemm huwa qasam bżonnjuż.

Għalhekk il-messaġġ illi din is-sena qed tagħti l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa lill-popli kollha qis illi ma jaqax fuq widnejn torox. Bħal qabel, qis illi l-poplu Malti jagħti l-koperazzjoni tiegħu. U jien ukoll mal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, ngħidilkom: "ĦARSU LILL-ULIEDKOM — LAQQMUHOM KONTRA L-MARD".

# Ġonna Pubbliċi Qodma f'Malta

## IL-BIDU

L-ISTORJA tal-ġonna pubbliċi f'Malta tmur lura erba' sekli. Fost l-iktar ġonna famużi, li inbnew fiż-żmien li hawn Malta kien hawn il-kavalieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm insibu l-ġnien ta' San Anton li nbena fi żmien il-Granmastru Antonie De Paule u l-ġnien ta' Dar Iljuni li nbena fi żmien il-Gran mastru De Vilhena.

Spezzjoni speċjali li ntagħmlet fuq il-gżejjer Maltin fil-bidu tas-seklu sittax, għan-nom tal-kavalieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm u Ta' Rodi, qabel dawn ġew jgħixu hawn, iddeskrivit lil Malta bħala art mogħxa u mingħajr l-ebda ħdura. Sa fi tmiem is-seklu sittax l-uniċi siġar ornamentali li kien hawn f'dawn il-gżejjer li setgħu jiġu gawduti mill-poplu kienu jinsabu f'postijiet magħluqin u mdawrin b'ħitan għolja. Illum kif wieħed imur minn villaġġ għall-ieħor jew minn belt għall-belt jeħodha bħala ħaġa naturali li jsib eluf ta' siġar u arbuxxelli qegħdin jikbru matul it-toroq.



Il-Ġnien ta' San Filippu — ħdejn l-Argotti— fil-Furjana.

L-ewwel ġonna pubbliċi ġew mibnija fit-tarf talbelt jew raħal forsi apposta imma aktarx minħabba li l-ħsieb ta' ġnien pubbliku tkun ġiet wisq wara li nbniet dik il-belt jew dak ir-raħal. Dawk il-ġonna pubbliċi li xi darba kienu jinsabu fit-tarf ta' xi raħal illum intleħqu minn irħula oħra. Hekk insibu li l-ġonna ta' San Anton jinsabu fit-tarf tar-raħal ta' Ħ'Attard u fil-bidu tar-raħal ta' Ħal Balzan, filwaqt li l-ġnien ta' Dar Iljuni jinsab bejn l-Imsida, il-Ħamrun, Santa Venera u B'Kara. Xi wħud mill-ġonna, minħabba li jinsabu f'xi tarf ta' xi sur li ddawwar xi waħda mill-ibliet tagħna ma jistgħux jiġu milħuqa minn ibliet jew irħula oħra. Hekk insibu li l-Barrakki tal-Belt, il-ġonna ta' Harper u Miratore fil-Furjana u l-ġnien ta' l-Isla kollha jagħtu għall-port il-Kbir, filwaqt li l-ġonna ta' Hastings fil-Belt, u l-Argotti u Sa Maison fil-Furjana iħarsu fuq il-port ta' Marsamxett.

## XOGĦLIJIET ĠODDA

Dawn l-aħħar sitt snin sar ħafna xogħol biex jitjiebu l-kondizzjoni tal-ġonna qodma f'Malta. Fost ilħafna xogħlijiet li saru kien hemm sistemi ġodda talilma, bini ġdid ta' ħitan merrigħin, bini ta' kmamar għall-ġardinara, żieda ta' eluf ta' trakkijiet ta' ħamrija, taħwil ta' siġar imkabbrin hawn Malta kif ukoll donazzjonijiet ta' siġar minn barra, żieda ta' annimali ġodda li qegħdin għall-wiri f'San Anton, tneħħija ta' slums mill-ġonna, bini ta' ġibjuni biex iservu dawn ilġonna, kisi ta' passaġġi bil-franka, konkos jew asphalt, żieda fil-bankijiet u ħafna xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni.

## SAN ANTON

Il-ġnien ta' San Anton hu forsi l-iktar ġnien qadim li huwa magħruf u imfittex min-nies mhux biss Maltin imma wkoll barranin.

F'dan il-ġnien hemm għadd ta' siġar tal-larinġ, lumi, mandolin u grapefruit li l-frott tiegħu jittieħed l-isptarijiet tal-Gvern għall-morda. Barra minn dawn is-siġar tal-frott, f'San Anton hemm għadd sabiħ ta' siġar ornamentali li xi wħud minnhom huma uniċi

San Anton f'Ħ'Attard



f'dawn il-Gżejjer. Xi wħud minn dawn is-siġar huma magħrufa wkoll għax il-bniedem jew bniedma li ħawlu dawn is-siġar kienu nies prominenti.

Fost il-lista ta' nies prominenti li nsibu li kienu ħawlu siġar f'dan il-ġnien kien hemm il-Majestà tiegħu r-Re Dwardu VII. Il-Majestà tagħha r-Reġina Alexandria, ir-Re Ġorġ V, Ir-Reġina Eliżabetta II tar-Rumania, Il-Prinċep Albert, u l-Prinċep Hirohito tal-Ġappun.

Fost il-ħafna siġar li bihom dan il-ġnien hu mgħammar, insibu l-Araucaria Bidwilli, Howea Fosteriano, Citerexium Quadran Gularis, Magnolia Grandiflora, Lireo Denron Tulipifera, Lagerstoemia Indica, Ligustrum Japonica u oħrajn.

Barra mis-siġar f'dan il-ġnien hemm ħafna rampikanti li jżejnu l-ħitan għoljin tal-ġnien. Dawn ir-rampikanti bħal Bongainvillea, Tecoma, Poly Gonum, Plumbago, Lonicera, Clematis, Stephanotis, Duranta, Antigonon, Passiflora, Jasminum u oħrajn. Barra li jgħattu l-bjuda tal-ħitan tal-ġonna minn żmien għal żmien dawn isebbħu d-dehra ġenerali b'ilwien sbieħ.

Matul l-istaġun tas-sena f'San Anton jiġu miżrugħa ħafna żrieragħ ta' fjuri ta' l-istaġun, dawn ikomplu isebbħu l-ambjent billi jiksu l-ħamrija bi fjuri sbieħ u jfuħu.

Dan il-ġnien hu popolari mat-tfal l-iktar għall-għadd ta' annimali li hemm f'dan il-ġnien. Fil-vaski diversi li hemm barra mill-ħut ta' l-ilma ħelu, hemm Borok u Ċinji kemm suwed kif ukoll bojod. Fil-gaġeġ hemm għasafar, xadini, fagani, ħamiem, papri u volpi. Fil-post magħluq li hemm wara dawn il-gaġeġ hemm annimali kbar bħal Gazelli, Ġmula u Wadani. Dawn l-annimali ġew mogħtija lill-Gvern Malti mill-Gvern tal-Libja. Dan l-aħħar twieled f'San Anton l-ewwel ġemel f'dawn il-Gżejjer.

## IL-ĠONNA TAL-BARRAKKI



**Il-Barrakka ta' Fuq**

Il-Ġonna tal-Barrakki tal-Belt huma wkoll popolari ma' l-istranjieri kif ukoll mal-Maltin. Il-ġnien tal-Barrakka ta' fuq hu famuż għall-gallerija twila tiegħu minn fejn wieħed jista' jara veduta sabiħa tal-port il-Kbir. F'dan il-ġnien hemm midfun l-ewwel Gvernatur Ingliż għal dawn il-gżejjer cioe il-Gvernatur Maitland. Statwa sabiħa li tinsab fil-ġnien hi dik ta' Sciortino li jisimha 'Les Gavroches'. Fost l-ħafna monumenti li hemm f'dan il-ġnien hemm wieħed imwaqqaf għal Prim Ministru Lord Strickland u bust ta' Sir Winston Churchill. Meta l-baħar kien iktar mezz popolari ta' transport mill-ajru, l-'lift' tal-Barrakka ta' fuq kien l-iktar mezz ħafif kif wieħed kien jista' jitla' mix-xatt għaċ-ċentru tal-Belt.

Fil-Ġnien tal-Barrakka t'isfel jispikka l-monument kolossali li hu iddedikat lit-tieni Gvernatur Sir Alexander Ball. Dan il-ġnien hu wkoll famuż għad-dehra tiegħu tal-Port il-Kbir.

## IL-ĠNIEN TA' HASTINGS

Dan il-ġnien hu mfittex għad-dehra tal-Port ta' Marsamxett. Fil-parti tal-Ġnien ta' fuq hemm monument għal Markiż ta' Hastings li għalih hu imsemmi dan il-ġnien.

## IL-ĠNIEN TAL-KALKARA



**Il-Ġnien tal-Kalkara**

Dan jinsab taħt it-triq 'Duke of York' fuq il-lemin aħna u deħlin għal Kastilja, hu ġnien antik li fuqu dan l-aħħar sar ħafna xogħol.

F'dan il-ġnien intefgħet għadd kbir ta' ħamrija, inbnew ħitan, ġew imneħħija slums, inbena ġnien għall-ward u ġnien rustiku għall-kakti u pjanti sukkulenti.

## DISINN

Ħafna mill-ġonna pubbliċi l-qodma hawn Malta huma mfassla fuq stil simetriku Franċiż. Karatteristiki tal-ġonna Maltin huma l-użu tal-ġebel rustiku biex jifirdu l-mogħdijiet miċ-ċanet tal-ħamrija u l-ġebel tal-franka jew żonqor għal kisi tal-passaġġi. F'ħafna ġonna nsibu kanali tal-ġebel li kienu jintużaw biex l-ilma jgħaddi minnhom biex imur minn parti tal-ġnien għall-oħra.

# .... fil-qosor

## IL-MINISTRU SANT U L-KUMMISSARJU GĦOLI INGLIŻ IŻURU DIVERSI PROĠETTI

Dan l-aħħar l-Onor. Lorry Sant, Ministru tax-Xogħlijiet u Sport flimkien mal-Kummissarju Għoli Ingliż l-E. T. Mr Norman Aspin żar diversi postijiet fejn li Special Team of Royal Engineers, (STRE) qed jgħinu lill-Gvern fit-twettiq ta' diversi proġetti.



Il-Ministru u l-Kummissarju Għoli Ingliż ġew milqugħa fl-uffiċċju ta' Laboratory Wharf fil-Marsa minn Lt. Col. J.L. Peacey li ta tagħrif ġenerali fuq ix-xogħol li fih huma involuti r-Royal Engineers.

Il-Ministru ra xogħlijiet li qed isiru fl-iżvilupp ta' Laboratory Wharf fejn qed isiru faċilitajiet għall-ħatt u tgħabija ta' containers. Imbagħad żar il-Housing Estates taż-Żejtun u ta' Ħal Qormi, kif ukoll xogħlijiet li qed isiru fl-Estensjoni tal-Boiler House fl-isptar ta' St Lukes.

F'kull waqfa l-Ministru Sant u l-Kummissarju Għoli Ingliż ingħataw spjega tal-progress tax-xogħlijiet diversi minn uffiċjali tal-STRE's inkarigati mill-proġetti rispettivi.

## ŻJARA TA' ESPERTI DWAR L-ENERĠIJA MIX-XEMX U R-RIĦ

Missjoni mill-UN/UNDP/UNEP/ECE flimkien, komposta minn tliet esperti, żaret Malta mill-4 sat-13 ta' April, 1977 biex tistudja l-prattikabbilità ta' twaqqif ta' Ċentru Reġjonali f'Malta għal skopijiet ta' żvilupp prattiku u applikazzjoni ta' l-enerġija mix-xemx u mir-riħ għal benefiċċju tal-pajjiżi tal-Mediterran.

Il-Missjoni kienet komposta minn dawn it-tliet esperti:—

Ġnus Magħquda — Mr J. J. C. Bradbury, Konsulent Tekniku Speċjali taċ-Ċentru għar-Risorsi Naturali, Enerġija u Trasport, Dipartiment ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali.

UNEP/ECE — Mr C. C. Ducret, Uffiċjal ta' l-Affarijiet dwar l-Ambjent ta' l-Environment and Human Settlement Division tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa.

UNDP — Mr D. R. Lovepoy, Konsulent Tekniku Anzjan tat-Technical Advisory Division tal-Programm ta' Żvilupp tal-Ġnus Magħquda.

## TAGĦMIR GĦALL-KORP TAL-PULIZIJA

Dan l-aħħar, fuq vapur tas-Sea Malta MV Qormi wasal Malta tagmir għall-Korp tal-Pulizija Maltija mogħti mir-Repubblika Għarbija Libjana Soċjalista tal-Poplu Jamahiria.

Fi Frar li għadda bl-għajnuna ta' l-Ambaxxatur l-E. T. Mohammed Jellala marret delegazzjoni tal-pulizija Maltija fil-Libja li kienet tikkonsisti mill-Assistent Kummissarju John Cachia u mill-Ispettur Peter Cordina.

Fil-Libja d-delegazzjoni tal-pulizija ltaqgħet mas-Segretarju ta' l-Affarijiet Interni l-Kurunell Younis Belghasem u iddiskutew kif tista' tissaħħaħ aktar il-koperazzjoni bejn il-pulizija Maltija u dik Libjana.

B'riżultat ta' dawn it-taħditiet ir-Repubblika Għarbija Libjana Soċjalista tal-Poplu Jamahiria tat tagħmir lill-pulizija Maltija biex din issaħħaħ il-glieda tagħha kontra l-kriminalità. It-tagħmir jikkonsisti f'erba' coaches Toyota ġodda, 10 land



rovers, 200 helmet, 3,000 uniformi ġodda, spare parts tal-karozzi u affarijiet oħra. Dan it-tagħmir inġieb Malta taħt il-ħarsien tal-Kaptan Libjan Buqrara.

Din id-donazzjoni li tiswa aktar minn £M140,000 ġiet ippreżentata lill-Korp tal-Pulizija mill-Ambaxxatur Libjan l-E. T. Mohammed Jellala.

## IL-MALTA SPINNING & WEAVING TIFTAĦ UFFIĊJALMENT

Il-Ministru ta' l-Industriji Parastatali u tal-Poplu s-Sur Freddie Micallef nhar il-Ħadd, 3 ta' April fetaħ uffiċjalment il-fabbrika "Malta Spinning and Weaving Limited" f'Ta' Qali.

Il-fabbrika tinfirex fuq 24,000 metru kwadru u bħalissa timpjega fuq l-400 ruħ.

Qabel iċ-ċerimonja tal-ftuħ sar it-trasferiment tal-fabbrika mingħand l-Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, Mr Liu Pu lis-Sur Micallef.

Preżenti għaċ-ċerimonja tal-ftuħ kien hemm ukoll il-Ministru tal-Finanzi u Investimenti tal-Poplu, n-Nutar J. Abela, il-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent, it-Tabib V. Moran u għadd ta' mistednin distinti oħra.

## IL-MINISTRU MORAN JINAWGURA APPARAT DWAR DIJANJOSI TA' TUMURI

Il-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent, l-Onor. V. Moran dan l-aħħar inawgura uffiċjalment apparat tax-'Xeromammography' fid-Dipartiment ta' l-X-Rays ta' l-Isptar San Luqa.

L-iskop ta' dan l-apparat huwa li tkun tista' ssir dijanjosi kmieni ta' tumuri, speċjalment dawk tas-sider. Il-vantaġġ ta' l-użu ta' dan l-apparat speċjali fuq mezzi oħra konvenzjonali ta' radjografija jinkludu: il-produzzjoni ta' stampa eċċellenti li permez tagħha jinstabu t-tumuri fi stadju aktar kmieni, il-mezzi awtomatiċi ta' proċessar inkorporati fl-apparat li jipproduċu tagħrif fotografiku permanenti biex jintuża għal skopijiet ta' referenza; u, doża baxxa ta' radjazzjoni li jirċievi l-pazjent li jkun qed jiġi eżaminat li hija bejn wieħed u ieħor nofs dik li tingħata jekk il-pazjent ikun qed jiġi eżaminat b'"film mammograms" konvenzjonali.

Bi tħejjija għall-introduzzjoni ta' dan l-apparat, numru ta' uffiċjali tad-Dipartiment tas-Saħħa intbagħtu r-Renju Unit għal korsijiet intensivi dwar l-użu ta' dan l-apparat. Dawn kienu jinkludu lil Dr E. R. Mercieca, Senior Radiologist, is-Sur John Borg, Chief Radiographer, u s-Sur A. Agius, Electronic Technician, li attendew kors ta' tliet ġimgħat dwar l-użu u l-manutenzjoni ta' dan l-apparat.

Dan l-apparat, flimkien ma' aċċessorji u spare parts sewa' **£M23,000.**

# SPORTS

## Il-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Boċċi

Nhar il-Ħamis, 28 ta' April, ġewwa l-Benniena ta' l-Isport Malti, fil-Marsa, kellna attività oħra, din id-darba l-ftuħ uffiċjali tal-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Logħob tal-Boċċi.

Din il-kompetizzjoni qed tiġi organzzata taħt l-awspiċi tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport u sponsorjata mid-Ditta Combinatie ta' Ħal Qormi. Jidher ċar li din il-logħba għandha popolarità ġewwa pajjiżna għall-fatt li numru rekord ta' teamijiet irreġistraw biex jikkompetu. Iżda dan ukoll huwa dovut għall-inizjattiva tal-Ministru l-Onor. Lorry Sant li ħa ħsieb jibni 'pitches' flimkien ma' 'dressing rooms' kważi ma' Malta kollha biex il-ħaddiem Malti jkollu fejn iqatta l-ħin liberu tiegħu.

Għal din il-kompetizzjoni se jingħataw dawn il-premjijiet:—

It-team rebbieħ jieħu: £M60 flus; 4 Midalji tal-Fidda u Tazza.

It-tieni premju: £M40 flus; 4 Midalji Gold Plated u Tazza.

It-tielet premju: £M20 flus; 4 Midalji Silver Plated u Tazza.

Ir-raba' premju: 4 Midalji tal-Bronż.

Barra minn dan kull player li jieħu sehem jingħata Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni bħala tifkira.



# Tournament Internazzjonali Militari tal-Football



▲ Il-Ministru l-Onor. Lorry Sant jippreżenta ix-Shield lil Captain tat-Team Rebbieħ.



▲ It-Team Taljan li rebaħ it-Tournament.

▼ It-Team Libjan li kiseb it-tieni post.



Kif kien ġie mħabbar mill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, l-Onor. Lorry Sant u fil-Konferenza Stampa mogħtija mill-Maġġur P. Ripard, teamijiet tal-football Militari mill-Libja, l-Italja u l-Ingilterra flimkien mat-team tal-Forzi Armati ta' Malta ħadu sehem f'Tournament Militari u Internazzjonali tal-Football fil-Marsa bejn id-19 u l-24 ta' April.

Biex din il-Kompetizzjoni tkun verament suċċess, il-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport ħa ħsieb li jsiru arranġamenti fil-grounds tal-Marsa. Fil-fatt il-ground tal-football ġie mantenut u kkurat bl-akbar reqqa. Dan ix-xogħol sar taħt is-sorveljanza tas-Sur Eddie Vella, li għalkemm mhux uffiċjal tal-Gvern, ġentilment offra l-għajnuna tiegħu.

Xogħlijiet oħra fil-Marsa kienu l-bini ta' dressing rooms ġodda attrezzati b'kollox u moderni kemm għall-players kif ukoll għall-uffiċjali tal-logħba. Ġew irranġati wkoll kmamar fejn persuni prominenti u uffiċjali tat-teamijiet ikunu jistgħu jagħtu konferenzi stampa u jagħmlu attivitajiet oħra bil-kumdità. Saru wkoll stands ġodda. Dan it-titjib fil-faċilitajiet tal-Marsa kien dovut lill-ħaddiema taħt id-direzzjoni tas-Sur Ċikku Magro.

Għal dan it-Tournament Internazzjonali bejn il-Forzi Armati ta' Malta, il-Libya, l-Ingilterra u l-Italja ħadu sehem numru sabiħ ta' players kif ukoll coaches barranin.

Fil-jiem li qattgħu Malta dawn in-nies kienu l-mistednin tal-Forzi Armati ta' Malta. Il-1st Regt. ħa ħsieb il-parteċipazzjoni mhux f'dak li jirrigwarda l-akkomodazzjoni iżda wkoll f'dak li kien ikel u divertiment.

It-Tournament ġie fi tmiem tiegħu l-Ħadd, 24 ta' April, meta fil-ground tal-Marsa, fost poplu numeruż, il-captain tat-team Taljan, Bacchin, tela' biex jirċievi t-trophy sabiħa ta' l-ewwel post li t-team tiegħu kiseb wara r-rebħa sabiħa ta' 3 - 1 kontra t-team Malti.

It-tournament in ġenerali kien wieħed ta' suċċess kbir. Fil-preżenza tal-Ministru ta' l-Isports, l-Onor. Lorry Sant u għadd ta' mistednin distinti, l-eċitament u l-interess baqgħu jirrenjaw sa l-aħħar mumenti.

Dehra mill-ajru tal-Ground tal-Marsa.





▲ Il-Captains jieħdu b'idejn xulxin qabel il-logħba Malta-Italja.



▲ It-Team Malti fit-Tielet Post.

▼ Ir-Raba' post — it-Team Ingliż.



# Iż-Żwieġ Huwa Għall-Kbar

"Għoxrin sena miżżewweġ għallmuni li ż-żwieġ huwa tajjeb għal dawk in-nies li huma maturi, psikoloġikament, emozzjonalment u ntellettwalment.

Marti kellha 19-il sena u jiena 22 meta bdejna l-esperiment tant serju. Biżżejjed ingħid li t-tnejn li aħna ma kellniex l-iċken ħjiel dwar isserjetà tat-trobbija tat-tfal. Wara li iżżewwiġt intbaħt kemm kont għadni moħħ ir-riħ. Fl-istess ħin kont nervuż u s-suppervja tiegħi wasslitni biex nibni sur bejni u bejn marti.

Għall-ewwel qatt ma stajt inniżżilha li marti qatt seta' kellha xi raġuni f'dak li tgħid jew tagħmel. Iżda maż-żmien bdejt nintebaħ bl-iżball tiegħi u bla ma ridt kelli nammetti li kont għadni naħsibha ta' "tifel". Li kieku bqajt magħġun hekk kont nasal li nfarrak l-għaqda ta' bejni u marti, għaliex paċi u sliem qatt ma seta' jkolli f'dari.

Wara ftit biddilt l-attitudni tiegħi. Ma bqajtx daqshekk iebes. Bdejt nifhem li marti hija taddemm u l-laħam iżda l-aktar importanti bdejt nara lili innifsi bħala persuna fallibli."

**minn MARIJA CAMILLERI**

Din kienet l-istqarrija sinċiera ta' raġel miżżewweġ li għall-ewwel m'għarafx biżżejjed il-ħtieġa li "taqsam ħajtek ma' ħaddieħor."

Żwieġ hieni jiddependi ħafna fuq kemm il-koppja hija matura emozzjonalment. Tarbija li tkun imfissda għall-aħħar issibha diffiċli li taqta' għal kollox mill-irbit tal-ġenituri tagħha u meta tikber dejjem jibqa' d-dubju ta' kemm se tkun persuna responsabbli tagħha stess. Dan in-nuqqas ta' maturità iġib l-għira, il-ġlied jew xi emozzjoni oħra li jkun il-kaġun tal-firda bejn il-koppja miżżewġa.

Fattur ieħor huwa l-bruda jew in-nuqqas ta' komunikazzjoni fir-relazzjoni sesswali. Ħafna minna għadhom bl-ideja antika li ż-żwieġ huwa biss għajn sabiex tibni l-familja u għalhekk dmirhom hu li jobdu din l-ordni. Ftit li xejn iqisu l-kunċett tas-sess bħala xi ħaġa sabiħa maħluqa minn Alla sabiex tgħin lill-koppja miżżewġa jersqu aktar qrib xulxin fl-imħabba tagħhom.

Ħafna drabi jistgħu jkunu t-tfal il-kaġun ta' l-inkwiet. Mhux l-ewwel darba li tisma' lil xi mara li tgħidlek li filwaqt li żewġha jixtieq li jkollu t-tfal hi, minħabba xi raġuni jew oħra ma tridhomx. Jew inkella hawn oħrajn li malli jkunu jafu li se jerġgħu jsiru ommijiet għat-tieni jew għat-tielet darba jeħduha bi kbira u jitfgħu t-tort kollu fuq ir-raġel.

Dan li għadni kemm semmejt jirrifletti ħafna fuq il-mara. Ħafna nisa jiżżewġu għal raġunijiet ħżiena. Jekk tfajla kellha ħafna inżulijiet filħajja romantika tagħha, tista' tasal biex tiżżewweġ lil xi ħadd, mhux għax tkun veru tħobbu iżda, għax tibża li tibqa' fuq l-ixkaffa. Iżda l-agħar ħaġa li tista' tiġri hi meta l-mara tieħu lil żewġha mhux għax verament tkun tixtieq lilu iżda tieħdu minħabba xogħlu, flusu jew il-pożizzjoni li jkollu fil-ħajja soċjali. F'każijiet bħal dawn qatt ma' tista' tgħid jekk iż-żwieġ huwiex tabilħaqq f'saħħtu għaliex l-irbit matrimonjali ma jkunx imsejjes fuq ir-rispett u l-imħabba iżda fuq ħwejjeġ materjali u superfiċjali.

Min-naħa l-oħra, meta r-raġel jiżżewweġ għaliex iħoss li jrid min jieħu ħsiebu jkun qed jagħmel pass dgħajjef. Dawn it-tipi ta' rġiel jippretendu li marthom għandha tkun — ix-xbieha perfetta ta' ommhom. Min jirraġuna jaf kemm dan huwa impossibbli iżda dak li dejjem trabba ma' djul ommu ma jirraġunax hekk. Taraħ dejjem b'geddumu sa l-art u bilkemm ikun irid jersaq lejn daru.

Li kieku nibqgħu sejrin niddiskutu l-problemi li jistgħu jinqalgħu ma nispiċċaw qatt iżda fl-aħħar minn l-aħħar il-qofol tar-relazzjoni soda tiddependi, kemm, il-miżżewġin lesti li jifhmu l-importanza ta' sehmhom fil-ħajja miżżewġa tagħhom.

---

**Xarba "Cocktail"**

### TOM COLLINS

Imla terz ta' "shaker" (għandu forma ta' bott twil tawwali bil-għatu li jintuża' għat-taħlit tax-xorb) bissilġ, żid miegħu mgħarfa syrup taz-zokkor (dan isir billi tħoll iz-zokkor f'ilma u wara tpoġġih għal ftit ħin fuq in-nar), il-meraq ta' nofs lumija u grokk ġnibru għal kull persuna. Ħallat kollox sew u servi f'tazzi tawwalin. Wara itfa' s-silġ u s-soda water.

# inti u l-liġi

*Mara u żewġha għamlu testment flimkien fejn ħallew lil xulxin l-użufrott universali ta' ġidhom, u, wara l-mewt tat-tnejn, lill-uliedhom, indaqs bejniethom. Ħallew legat mill-għatba 'l ġewwa lil min, fost uliedhom, jibqa' l-aħħar fid-dar ġuvni jew xebba. Xi ħadd mill-ulied li għadu ma żżewwiġx għandu xi oġġett (per eżempju television, jew refridgerator, jew magna tal-ħjata) li ġie mixtri bi flus jew flusha, imma qiegħed fuq isem il-missier (1) X'jista' isir biex min għandu dan l-oġġett jieħdu mingħajr ma jkollu nkwiet minn ħutu? (2) Jekk ikun hemm legat mill-għatba 'l ġewwa lil min jibqa' jdur bina sal-mewt, u xi ħadd minnha jmut fl-Isptar, dak il-legat jittieħed?*

(1) Mhix ħaġa tajba li oġġett mixtri bil-flus ta' xi ħadd mit-tfal jinxtara f'isem il-missier jew l-omm, għax hekk, wara mewthom, l-ulied kollha jkollhom dritt fuqu. Ma tkunx ħaġa ħażina li jsir testment ieħor fejn il-ġenituri jiddikjaraw dak l-oġġett ta' min hu. (2) Meta jkun hemm legat li jittieħed bil-kundizzjoni li min jieħdu jkun dar b'xi ħadd *sal-mewt*, u it-testatur jiġi mibgħut għal żmien twil f'xi Istitut, jew f'xi sptar, per eżempju bħal St Vincent de Paule Hospital, il-legat jista' jintilef għaliex il-legatorju ma darx bit-testatur sal-mewt. L-aħjar, f'testmenti bħal dawn, il-kelmiet "Sal-mewt" ma jitniżżlux. Aħjar jekk jitniżżel il-kliem "bħala ħlas ta' kuri, assistenzi u servizzi ġa prestati u li jibqgħu jiġu prestati sakemm hu possibbli". Hekk, jekk it-testatur imut f'xi istitut jew f'xi Ospizju, il-legatorju ma jitlef xejn.

* * *

*Ġejt mistoqsi fl-istess ittra jekk jistax x iħadd ifittex xi punt fuq wirt, jew legat mill-għatba 'l ġewwa, meta l-ġenituri ikunu ilhom mejtin aktar minn għaxar snin.*

Ir-risposta hi *le*, għax l-artikolu 885 tal-Kodiċi Ċivili igħid li ebda wirt, jew legat, jew leġittma ma' tista' tintalab wara 10 snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.

* * *

*Tbattlitli xi proprjetà li kienet mogħtija ċens jagħlaq. Iċ-ċenswalist kera l-fond mingħajr ma talabni permess. Iċ-ċens spiċċa. Jien nista' nieħu lura l-fond mogħti ċens?*

Il-liġi taċ-ċens, li, meta jispiċċa ż-żmien miftiehem, il-fond jerġa' lura għand is-sid, għadha l-istess. Pero' billi meta spiċċa ċ-ċens il-fond kien mikri, dan hu pont li jrid jiġi dibattut f'Qorti. Sentenza mportanti fuq dan il-pont ingħatat mill-Qorti tal-appell fit-22 ta' Frar 1969.

*Nixtieq naf jekk noqgħod f'dar nofsha tiegħi u inħallas nofs il-kera, jistax il-partner l-ieħor, iġibli il-bord?*

Meta l-kerrej ma jkollu ebda dritt ta' proprjetà fuq id-dar, ma tistax issir kawża fil-Board jekk mhux mill-propretarji kollha. Imma meta wieħed mill-proprjetarji ikun joqgħod fid-dar, l-ieħor għandu d-dritt kollu jagħmel rikors fil-Board biex jiġi ffissat il-kera xieraq.

* * *

*Jiena għandi dar li hija proprjetà tiegħi u l-arja hija tiegħi, ħdejja hemm flat li għandu tieqa miftuħa għal fuq l-intrata tad-dar tiegħi fejn jiena għandi l-bejt. F'dan il-flat joqgħodu n-nies li krewh mingħand wieħed ieħor. It-tieqa tidher li hi kontravenzjoni għax imċarrta kif ġie ġie. Meta jien xtrajt l-post din sibtha hekk u meta mort nipprotesta mas-sid qalli li jiena m'għandix dritt nagħlaqgħa. Il-postijiet ilhom mibnija mill-1958. Is-sid li xtrajt id-dar minn għandu jiena kien miet, pero' qabel kien qalli li din it-tieqa nista' nagħlaqha. X'nista' nagħmel?*

L-ewwel li għandek tagħmel hu li tmur iġġib kopja tal-kuntratt ta' meta xtrajt, minn għand in-nutar. Jekk fil-kuntratt hemm imsemmi li d-dar li xtrajt hi suġġetta għal servitù ta' tieqa, tfittex xejn, għax kollox għal xejn. Jekk m'hemm xejn minn dan, ħu passi biex il-ġar jagħlaq bil-ġebel dik it-tieqa. Jekk jilħqu jgħaddu 30 sena minn meta nfetħet, ma jkollokx aktar dritt tfittex. Titlifx żmien.

* * *

*Raġel bit-tfal, romol, u ħafna żmien wara reġa' żżewweġ. Issa miet. Ħalla testment fejn kiteb il-qofol ta' ġidu lit-tieni mara, innomina lil uliedu werrieta, iżda lil wieħed minnhom ħallielu ħafna inqas mill-oħrajn. Seta' jagħmel hekk?*

Suppost li le, għax l-artikolu 641 tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li l-mara tat-tieni żwieġ ma' jistax imissha aktar mill-inqas favorit fost it-tfal ta' l-ewwel żwieġ.

* * *

*Sid jikri post lil xi ħadd, bil-kondizzjoni li l-kerrej ma jissullokax id-dar lil ħadd, la fl-intier u anqas in parti. Jekk il-kerrej ikun irid idaħħal lil xi ħadd tal-familja miegħu, jista' f'dan il-każ? U jekk idaħħal lil xi ħadd tal-familja dan ikun jista' jibqa' fid-dar, jekk il-kerrej imut?*

Il-kondizzjoni li tipprojbixxi s-sullokazzjoni timpedik biss milli tikri l-fond jew parti minnu lil ħaddieħor bil-flus jew bil-ħlas. Imma tista' ddaħħal joqgħod miegħek lil min trid; u dan, jekk ikun joqgħod miegħek meta tmut int, u jkun membru tal-familja tiegħek, ikollu d-dritt jibqa' fil-fond bħala kerrej.

* * *

*Jekk xi ħadd mill-ġenituri f'ħajtu jagħti xi deheb u oġġetti prezzjużi lil xi ħadd mill-ulied, l-oħrajn jistgħu ifittxu?*

Jekk id-deheb li ġie mgħoti jiswa' aktar minn £M50, u ma sarx kuntratt meta ingħata, l-oħrajn jistgħu jieħdu d-deheb lura biex jinqasmu indaqs. L-artikolu 1847 igħid: Id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku jiġifieri bin-Nutar u żewġ xhieda.

# KULTURA......

## TWAQQIF TA' GĦAQDIET MUŻIKALI FOST IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Hija x-xewqa tal-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura li l-arti mużikali f'pajjiżna tkun aktar apprezzata fost il-poplu b'mod speċjali miż-żgħażagħ tagħna.

Għal dan il-għan, il-Ministeru tal-Kultura. għall-ewwel darba f'Malta qed iħejji programm intensiv fuq bażi nazzjonali biex possibilment f'kull belt jew raħal ta' Malta ssir għaqda ta' mużiċisti żgħażagħ li flimkien ikunu jistgħu jirrappreżentaw lill-lokal tagħhom fil-qasam ta' mużika orkestrali.

Bħala bidu għal dawn l-attivitajiet mużikali, nhar il-Ħamis 31 ta' Marzu, fis-sala taċ-Ċentru Kulturali, il-Furjana, il-Ministeru tal-Kultura kellha l-pjaċir tintroduċi grupp ta' żgħażagħ minn Santa Venera li għall-ewwel darba ħadu sehem f'Kunċert Orkestrali.



Dawn iż-żgħażagħ li kienu akkumpanjati mill-Kor Parrokkjali ta' Santa Venera ġew mgħallmin mis-Surmast tal-Mużika tal-Kulleġġ Mount Carmel, Fr Louis Bajada, O.C., u ġew diretti minnu stess.

F'dan l-ewwel programm ħadu sehem ukoll l-Orkestra Malta Żagħżugħa kif ukoll il-Kor Marija Assunta taħt it-tmexxija ta' Mro. Carmelo Abela li huwa l-Organizzatur ewlieni ta' dawn l-attivitajiet mużikali ġodda.

## ĠIMGĦA KULTURALI F'ĦAŻ-ŻABBAR



**Il-Ministru A. Barbara f'Ħaż-Żabbar**

Bil-għan li f'pajjiżna jkollna aktar nies li jibdew jifhmu aħjar il-ħtieġa ta' attivitajiet kulturali, nhar is-Sibt 16 ta' April, il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura organizza Ġimgħa Kulturali oħra f'Ħaż-Żabbar.

Din kienet il-ħames waħda mis-sensiela ta' Ġimgħat Kulturali li qed jiġu organizzati mill-Ministeru tal-Kultura fl-ibliet u l-irħula.

Il-programm matul din il-Ġimgħa Kulturali kien jinkludi:

Wirja ta' Arti li kien fiha xogħlijiet ta' skultura u pittura minn artisti magħrufa Maltin;

Kunċert mużikali mill-Banda tal-Qawwiet Armati ta' Malta;

Lejla ta' mużika u letteratura, il-Kor Skola Sekondarja, Żabbar u diskussjoni: Il-ħtieġa li jitrawwem talent ġdid f'Ħaż-Żabbar; u fl-aħħarnett programm ta' letteratura, daqq, kant u żfin "Mill-Ħajja Maltija".

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' April, il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura ippreżenta il-ħames programm Mużiko-Letterarju fis-Sensiela ta' attivitajiet Kulturali msejħa "Siegħa Flimkien" fis-Sala Domus Piju IX — Bormla.

Dan il-programm kien jiġbor fih siltiet letterarji minn diversi awturi Maltin magħżulin bil-ħsieb li jinteressaw lill-maġġuranza tal-poplu u ppreżentat bl-aktar mod sempliċi bil-għan li aktar nies jibdew japprezzaw iżjed l-ilsien Malti.

## PREŻENTAZZJONI TA' DISKA TA' XOGĦOL ORIĠINALI TA' MEMBRI TAL-Y.T.C. LILL-MINISTRU A. BARBARA



**Il-preżentazzjoni tad-diska lill-Ministru**

Bħala turija ta' apprezzament għall-ħidma ta' qawmien kulturali f'pajjiżna, ċ-Chairman tal-Y.T.C. (Youth Travel Circle) is-Sur Philip Camilleri, dan l-aħħar ippreżenta d-diska LP "Ikun li Trid Int", lill-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. A. Barbara, f'isem din l-għaqda taż-żgħażagħ li l-għan ewlieni tagħha hu l-iżvilupp edukattiv u kulturali tal-membri tagħha.

"Ikun li Trid Int" huwa xogħol oriġinali li ġie bbażat fuq il-Passjoni ta' Kristu mill-awturi/kompożituri Therese Cassar u Manuel Mifsud li huma membri attivi tal-Y.T.C.

Dan ix-xogħol, li huwa ta' livell tajjeb ħafna, ġie wkoll maħdum fi produzzjoni televisiva minn Xandir Malta li dan ix-xahar ser tippreżentah fil-Ġimgħa Internazzjonali ta' programmi reliġjużi televiżivi li għandha ssir f'Montreaux ġewwa l-Isvizzera.

F'diskors ta' l-okkażjoni, il-Ministru Barbara, wara li apprezzat dan ix-xogħol hekk siewi ta' l-Għaqda, qalet li hemm bżonn jinħolqu idejat ġodda biex naslu li nħajru liż-żgħażagħ tagħna jieħdu sehem attiv f'attivitajiet kulturali u edukattivi.

Il-Ministru żiedet tgħid li għalkemm f'Malta għandna ħafna għaqdiet taż-żgħażagħ għad m'hemmx direzzjoni ċara ta' l-idejal li jrid jintlaħaq. Għalhekk jiġri li ħafna mill-isforzi li jsiru minn dawn l-għaqdiet kważi jisfaw fix-xejn u r-riżultat mixtieq ma jasal qatt. Il-Ministru Barbara qalet li ħafna għadhom iħalltu dawn l-attivitajiet kulturali mar-reliġjon, politika u piki bla sens. Dan huwa żball kbir li jżżomm il-progress lura, l-ewwel ta' l-individwu, imbagħad tal-pajjiż kollu.

Il-Ministru Barbara imbagħad uriet ix-xewqa tagħha li tiġi mwaqqfa Għaqda Ċentrali li tkun tista' tieħu ħsieb tiġgwida l-Għaqdiet kollha preżenti taż-żgħażagħ biex ikun jista' jintlaħaq skop ewlieni fuq bażi nazzjonali.

Flimkien maċ-Chairman tal-Y.T.C. is-Sur Philip Camilleri, għal din il-preżentazzjoni kien hemm ukoll l-awturi/kompożituri tad-diska "Ikun li Trid Int", Therese Cassar u Manuel Mifsud flimken ma' l-organizzatur ta' l-għaqda, Fr. Maurice Mifsud.

## IL-MINISTRU A. BARBARA IŻŻUR IL-KNISJA TA' ĦAL MILLIERI

Għall-aħħar ta' April, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onorevoli Agatha Barbara żaret il-knisja ta' Ħal Millieri fejn, riċentement kienet saret tfittxija arkeoloġika ta' importanza kbira għall-istudju taż-żmien medjoevali.

Dan ix-xogħol sar taħt id-direzzjoni tad-Direttur tal-Mużewijiet is-Sur F. S. Mallia, mgħejjun mill-Kuratur ta' l-arkeoloġija is-Sur Tancred Gouder, bil-koperazzjoni tal-"Ħal Millieri u Bir Miftuħ Trust".

F'din it-tfitxija arkeoloġika saru sejbiet interessanti fuq il-ħajja f'Ħal Millieri qabel il-miġja tal-Kavallieri fl-1530 li taw bidu għall-ħtieġa ta' iżjed tħaffir xjentifiku f'dan il-lokal.

Ġie stabbilit li qabel il-knisja tal-Lunzjata li hemm illum, kien hemm knisja oħra li biex inbniet intużaw il-fdalijiet ta' bini Ruman li darba kien hemm fl-istess post. Sewwa sew ma' ġenb il-knisja, instabu l-pedamenti u l-paviment ta' knisja oħra, li hija dik tal-Viżitazzjoni li tissemma' fid-dokumenti qodma u fil-Viżti Pastorali.

Filwaqt li l-Ministru Barbara wriet apprezzament kbir f'dawn is-sejbiet sinjifikanti li jkomplu jkabbru l-istorja ta' pajjiżna hija ħeġġet biex xogħol bħal dan iservi biex inissel iżjed interess fost il-poplu fl-istorja ta' dawn il-gżejjer.

F'dan ix-xogħol ħadu sehem ukoll Dr Anthony Bonanno ta' l-Università ta' Malta u xi studenti tiegħu; Mr Tom Blagg, arkeoloġista mill-Università ta' Londra; Dr Anthony Luttrell u għadd ta' voluntieri oħra.

Biex jiġi mfisser aħjar dan it-tagħrif li nkiseb mit-tħaffir arkeoloġiku f'Ħal Millieri, fl-Uffiċċju ta' "Ħal Millieri u Bir Miftuħ Trust" fi Triq Britannia, il-Belt, saret konferenza fuq issuġġett għall-pubbliku in ġenerali.

**Il-Ministru A. Barbara fuq il-post arkeoloġiku**



## *DAWRA MAL-GŻEJJER*

# IL-FURJANA

Fl-1643 l-Gran Mastru De Paule fittex li jġib inġinier Taljan biex jara sewwa f'liema qagħda kienu s-swar. Għat-talba tiegħu, il-Papa Urbanu VIII bagħtlu lill-Pietru Pawl Floriani, wieħed mill-aqwa inġinieri ta' żmienu.

Wara li fela sewwa l-witja li kien hemm quddiem bibien il-belt Valletta, irrapporta lill-Kunsill li l-lokal ma kienx tajjeb f'waqt ta' assedju billi l-art ta' quddiem il-belt kienet lixxa u fil-ġenb tagħha kienet imħattba. Biex jissewwa dan it-twehir kien meħtieġ li jinbnew fortifikazzjonijiet ġodda fuq din il-witja u jogħlew hekk fl-għoli li l-għedewwa ma jkunux jistgħu jaraw ġol-belt.

Wara l-mewt ta' De Paule, laħaq minfloku l-Gran Mastru Lascaris, li kompla mexxa x-xogħol hu.

Fid-19 ta' Ġunju, 1722 laħaq Gran Mastru Fra Anton Manoel De Vilhena. Tefa' għajnu fuq il-Furjana, u semmiha **Borgo Vilhena.** Iżda n-nies kienet drat issejjaħ lil subborgha bħala Furjana milli bl-isem il-ġdid.

Il-Furjana kienet tingħalaq minn erba' bibien kbar:

**Il-Bieb ewlieni msejjaħ "Bieb tal-Bombi",** bis-swar tiegħu saru fl-1721 mill-Gran Mastru Perellos. L-arma hija magħmula minn żewġ kwadrati bil-lanġas alternat: ma' żewġ kwadrati bis-Salib ta' l-Ordni fuqu. Il-kitba li hemm fuq wieħed mill-bibien tgħid hekk:—

"Waqt li kullimkien nitqabad mat-Torok noqgħod f'dan il-post hekk żgur". Il-lum ħdejh hemm żewġ bombi kbar tal-ġebel, waħda f'kull naħa. Dawn oriġinarjament kienu fuq il-bieb, iżda meta twessa' neħħewhom minn hemm u qegħduhom ħdejh.

**Il-Mina ta' Sant'Anna,** dari kienet tissejjaħ "Il-Mina tal-Klieb". Fl-1858, żmien il-Gvernatur Le Merchant, saret ukoll bil-mogħdijiet ġodda bħal dawk tal-Bieb tal-Bombi. Meta t-traffiku beda jikber din tneħħiet u minflokha saret it-triq li hemm illum.

**Il-Mina tax-Xatt** kienet tifred ix-xatt mill-Furjana. L-isem uffiċjali tagħha kien il-'Kalkara Gate'. Illum din il-mina nħattet ukoll biex saret it-triq ġdida "it-telgħa tal-Kurċifiss".

**Il-Mina f'Sanmiżun** hi msejħa "Right Sally Port".

**Il-Bieb ta' Noter Dame** kienu jsejħulu "Ta' l-Anġasa".

**Il-Mina ta' Marsamxett** jsibuha bħala "Quarantine Sally Port". Isejħulha tat-"Triponti" fejn fiż-żmien kienet il-forka.

**Il-Porvlista Gate** kienet tagħti għal dak li kien ospizju tax-Xjuħ.

Bħala arma, dan is-subborg tal-Furjana għandu skud fond abjad b'iljun aħmar f'nofsu, meħud mill-arma tal-Gran Mastru De Vilhena. Iżda l-arma tal-Furjana hi driegħ b'sejf f'idu. L-iskrizzjoni tiegħu hi: "FLORES MULCENT AURAE EDUCAT IMBER".

**San Publju**

L-ewwel ġebla tat-tempju tal-lum tqiegħdet solennement fit-2 ta' Awissu, 1733 mill-Isqof de Bussan.

Fl-1776 saret viċi-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Il-knisja ġiet konsagrata sollennement mill-Isqof Labini fit-28 ta' Mejju, 1792, u magħmula parroċċa għaliha mill-Isqof Caruana fil-5 ta' Marzu, 1844.

Biż-żieda fl-istruttura tagħha, il-knisja issa kienet tikkonsisti f'kor, korsija u żewġ kampnari mgħammra b'sitt qniepen. Il-famuża faċċata ġdida ttellgħet fuq id-disinn tal-Professur Nikola Zammit tas-Siġġiewi, u nbdiet fl-1885. Il-kwadru ewlieni li juri l-Martirju ta' San Publju bdieh Favray u komplieh l-għalliem tiegħu Filippu Vincenzo Pace fl-1773.

**Mill-Ktieb**
**"BLIET U RĦULA MALTIN"**
**ta' Alfie Guillaumier**

**Il-knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini**

Id-disinn tal-knisja u tal-Kunvent sar mill-magħruf Ġlormu Cassar. Skond l-ewwel pjanta inbnew żewġ kappelli, waħda tal-Madonna tal-Grazzja u l-oħra ta' San Franġisk. Ftit 'il bogħod il-Gran Mastru bena kappella. Sfortunatament dawn l-edifiċċji twaqqgħu bil-gwerra u kellhom jinbnew mill-ġdid.

**Il-Kappella ta' M. V. ta' Lourdes**

Fl-1706, il-Kommendatur, Balliju ta' Brandenburgh bena 'l barra mill-kunvent tal-Kapuċċini, kappella ċkejkna dedikata lil S. Maria Madalena Penitenta.

Meta xterdet mad-dinja kollha d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes, il-W. R. Patri Filippu Anton mill-Belt li kien Provinċjal ġieb minn Franza statwa tal-Madonna ta' Lourdes u qegħdha f'din il-kappella minflok dik tal-Madalena li kienet intilfet fil-gwerra.

**Is-Seminarju (San Kalċedoju)**

Din id-dar, imsejħa l-aktar bħala s-Seminarju jew il-Madonna ta' Manresa, inbniet mir-Rev. Patri Franġisk Rosignoli fl-1740.

**Il-Kunċizzjoni (Ta' Sarria)**

Din il-knisja oriġinarjament ġiet mibnija bi flus il-Kavalier Fra Martin de Sarria Navarro fl-1585. Meta bejn l-1675-1776 ħadet il-pesta f'Malta, il-Gran Mastru Rafel Cotoner u l-Kunsill għamlu wegħda li jibnu knisja ħelwa taħt it-titlu ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fl-istess lok tal-kappella l-qadima ta' Sarria.

**San Ġużepp Ħaddiem (Dar tas-Sorijiet 'Spigolatrici della Chiesa')**

Fis-6 ta' Jannar, 1965, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof bierek privatament il-kappella ta' dan l-istitut sekulari, li jinsab f'Malta biex l-imseħbin jaħdmu fost il-ħaddiema fil-fabbriki.

**Santu Rokku**

Din il-kappella li tiġi quddiem Lazzarett, inbniet biex taqdi lil dawk il-persuni li jkunu fil-korantina Lazzarett.

**Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani ta' Malta**

Fi Triq il-Ġdida, insibu l-kunvent ċkejken tas-Sorijiet Franġiskani ta' Malta.

**L-Istitut Kattoliku**

L-istitut huwa ċ-ċentru koordinattiv għall-attivitajiet ta' l-Organizzazzjonijiet Kattoliċi ewlenin ta' Malta u Għawdex.

**L-Argotti**

Il-Ġonna ta' l-Argotti, twaqqfu madwar mitejn u ħamsin sena ilu mill-magħruf Dr Ġużeppi Zammit. L-isem ta' "Argotti" ġie mill-Balliju Ignatius de Argote et Guzman li fis-sena 1774 kien bena l-palazz tiegħu f'dawn il-ġonna, li huma magħrufa wkoll bħala **l-Ġonna Botaniċi.**

**"Il-Mall"**

Dan il-ġnien sar mill-Gran Mastru Lascaris fis-sena 1656 għar-rikreazzjoni tal-Kavallieri, għal-logħob tal-ballun imsejjaħ Maglio u għall-eżerċizzju tal-ġinnastika. Il-Pall Mall imsejjaħ Maglio kienet logħba — boċċa kbira ta' l-għuda, min iwassalha sat-tali distanza, b'tant daqqiet ta' mazza, jirbaħ.

**Monumenti**

Fost il-monumenti li nsibu fil-Furjana hemm dawk tat-Tabib Prinċipali Luigi Pisani, il-Markiż Scicluna, Sir Adrian Dingli, il-Markiż Vinċenz Bugeja, Sir Ugo Mifsud, Nicolo' Papaffi, Sir Filippo Sciberras u l-Gran Mastru Vilhena.

**L-Ospizju tax-Xjuħ**

Fuq l-amar tal-Gran Mastru De Vilhena, fl-1732 ix-xjuħ invalidi tqiegħdu fl-imħażen tal-Porvlista li hemm fuq is-swar iħarsu lejn Marsamxett.

**Montgomery House**

Alexander Ball kien li stabilixxa dan il-bini għall-qmuħ. Montgomery House illum qed isservi bħala Pay Office tas-Servizzi Ingliżi f'Malta.

**L-Isptar Ċentrali**

L-isptar ċentrali ġie magħmul fl-1848 minflok il-Casa d'Industria li kien stabilixxa l-Gran Mastdu De Vilhena. Fil-11 ta' Marzu, 1954 dan l-Isptar sar il-Kwartier Ġenerali tal-Pulizija.

**Il-Mafkar tal-Gwerra**

Dan il-mafkar għoli f'għamla ta' salib Latin, ifakkarna fil-peprina ta' Flanders bħala "Warda ta' Tifkira", bħala qima lejn il-mejtin li ħallewna fil-gwerra ta' l-1914-18.

**Il-Fosos tal-Qamħ**

Minħabba l-irranġar tat-toroq u t-tlugħ ta' bini ġdid li sar, ittieħdu xi fosos u ntradmu. Illum il-fosos għadhom jintużaw u jaqdu tajjeb il-ħtiġijiet tagħna.

**L-Għajn ta' Wignacourt**

Wara l-kanċell tal-Ġonna ta' l-Argotti tinsab bħal piramida wieqfa jew għajn ta' l-ilma sabiex tfakkar il-wasla ta' l-ilma ġol-Furjana.

**L-Iljun**

F'misraħ Sant'Anna hemm għajn bi Ljun fuqha li saret mill-Gran Mastru De Vilhena.

**Casa Franconi**

Meta l-morda tal-mard tal-moħħ tqiegħdu f'din id-dar, li ma kienet tgħodd xejn għalihom, in-nies bdiet issejħilhom "Ta' Frankuni" naturalment għall-isem sid id-dar.

**Il-Ġnien tal-Milorda**

Il-ġnien magħruf bħala tal-Milorda jinsab ftit 'l isfel minn fejn kien l-Isptar Ċentrali.

**Kristu Re**

F'lok imsejjaħ **Biskuttin** (quddiem il-lukanda Phoenicia) tinsab l-istatwa artistika ta' Kristu Re, mill-iskultur Malti, Antonio Sciortino bħala tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali

**Mafkar għan-Nies ta' l-ajru**

Il-mafkar qiegħed fil-Ġonna Rundle (jew kif inhu magħruf l-iktar bħala l-Ġnien tal-Papri) fil-Furjana.

**Il-Knisja tal-Metodisti**

Tmiss mal-Ġonna ta' l-Argotti hemm il-knisja tal-Metodisti li għandha faċċata sabiħa wisq. Il-pjanta hija ta' stil Neo-Gotiku. Għall-ewwel darba li kien ġie f'Malta l-**Lane Ton Incandescent Lamp** ,bozoz ta' l-elettriku) kien xi ħaġa ta' interess u ġdid għall-Malta u kien intuża f'din il-knisja li għamlet il-ftuħ bih. Illum f'dan il-post jinsab iċ-Ċentru Kulturali.

**Connaught Home**

Wara din il-knisja, il-Metodisti ħasbu biex jibnu każin għan-nies tas-Servizzi u hekk ikollhom fejn jiltaqgħu.

**Sptar King George V**

Dan l-isptar illum qiegħed f'idejn il-Gvern Malti u jismu "Pawlu Boffa".

**Beltissebħ**

Il-bini ta' belt amministrattiva fil-Furjana, li ġiet mogħtija l-isem ta' Beltissebħ, kien wieħed mill-proġetti kbar li wettaq dan il-Gvern. F'dan il-lokal il-Gvern iċċentralizza ħafna mid-Dipartimenti tiegħu. Minbarra l-bini eżistenti li diġà qed jintuża sejrin jinbnew blokki oħra u Supermarket bil-bżonnijiet kollha, kif ukoll ċentru sportiv.



IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.C.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN

# Bulletin

1

Maħruġ minn:
*Published by*:
The Standing Advisory Committee on Metrication
30 South Street,
Valletta
April 1977

## Malta taqleb għas-Sistema Metrika

Fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Parlament fl-24 ta' Novembru, 1976 il-President tar-Repubblika qal li "il-pajjiż irid ukoll jimxi maż-żminijiet: għalhekk is-sistema deċimali Ewropea tiġi mdaħħla fi żmien qasir. Huwa ħsieb tal-Gvern li l-kejl lineari jsir skond is-sistema deċimali fl-1977, u li, fis-sentejn ta' wara, is-sistema deċimali tiġi mdaħħla wkoll l-ewwel fil-kejl tal-volum u mbagħad fil-kejl tal-piż".

Din l-istqarrija fetħet it-triq biex Malta taqleb għas-sistema metrika, u tibda bil-kejl lineari fl-1977.

## Malta goes Metric

On the occasion of the opening of Parliament on November 24, 1976 the President of the Republic said that "the country should move forward with the times: this is why the European decimal system will be introduced shortly. It is the intention of the Government that linear measurements should go decimal in 1977 and that in the following two years first the measurement of volume and then weights will also be decimalised."

This announcement gave the go ahead for Malta to go metric as from 1977 starting with linear measures.

## Is-Sistema ta' l-SI

Malta qed taqleb għall-għamla moderna tas-sistema metrika, li hija magħrufa bħala l-'International System of Units' (*Système International d'Unités* jew *SI*). Kien sar qbil fuq l-għamla ġenerali ta' din is-sistema fl-1960 biex tieħu post għamliet oħra tas-sistema metrika. Hemm żewġ raġunijiet bażiċi għall-bidla mis-sistema tradizzjonali: is-sempliċità u l-universalità.

L-SI hija sempliċi għaliex hija bażata fuq l-għaxriet; l-immoltiplikar jew id-diviżjoni jsiru b'sempliċi ċaqliq tal-punt deċimali. L-SI hija universali għaliex aktar minn 95 fil-mija tal-popolazzjoni tad-dinja issa qed tuża jew taqleb għas-sistema metrika. Minħabba li s-sistema tuża

## SI System

Malta is converting to the modern form of the metric system, referred to as the International System of Units (*Système International d'Unités* or SI). The general form of this system was agreed in 1960 to replace other forms of the metric system.

There are two basic reasons for the change from the traditional system: simplicity and universality.

SI is simple because it is based on tens; multiplication and division means a simple movement of the decimal place. SI is universal because more than 95 per cent of the world's population is now using, or converting to, the metric system. Because it uses symbols instead of words for its

simboli minflok kliem għall-unitajiet tagħha, l-SI m'għandhiex għalfejn tiġi tradotta fl-ilsna differenti tad-dinja: is-simboli jibqgħu l-istess tkun fejn tkun. Din is-sistema għalhekk teħles minn ħafna taħwid.

## Li "Standing Advisory Committee on Metrication"

Il-Gvern kien ilu jħoss il-ħtieġa li jsir qlib għas-sistema metrika u għalhekk kien ġie mwaqqaf li "Standing Advisory Committee on Metrication" biex iħejji t-triq għall-qlib faċli mill-użu konvenzjonali tal-kejl imperjali għal unitajiet metriċi.

Il-Kumitat ewlieni kien waqqaf tmien sotto-kumitati biex jeżaminaw fid-dettall il-problemi involuti u x-xogħol li jkun meħtieġ isir fid-diversi setturi pubbliċi ta' hawn taħt:

1) Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Para-Statali
2) Industrija, Agrikoltura u Turiżmu
3) Port u Komunikazzjonijiet
4) Negozjanti u Bejjiegħa bl-imnut
5) Bini u Kostruzzjoni
6) Is-settur mediku u farmaċewtiku
7) Edukazzjoni
8) Pubbliċità.

Is-sotto-kumitati wettqu xogħol utili preparatorju u żammew kuntatt ma' Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Para-Statali biex it-twettiq tal-programm tal-qlib għas-sistema metrika jiġi faċilitat preferibbilment permezz ta' ħidma amministrattiva min-naħa tad-dipartiment konċernat bis-saħħa ta' regolamenti eżistenti.

## Pubbliċità

Matul il-perijodu ta' transizzjoni mill-użu tas-sistema Imperjali/Maltija għas-sistema Metrika, il-Kumitat sejjer jeduka lill-pubbliku permezz ta' kampanja programmata ta' pubbliċita' li fiha sejrin jintużaw kartelluni, fuljetti, tabelli tal-qlib minn sistema għall-oħra u kotba żgħar.

units, SI does not need to be translated into different languages in the world: the symbols remain the same no matter where you are. Hence an obvious source of confusion is removed.

## The Standing Advisory Committee on Metrication

The need of changing over to metrication had long been felt by Government and in fact the Standing Advisory Committee on Metrication had been set up to pave the way for a smooth changeover from the conventional use of imperial measures to metric units.

The main Committee had set up eight sub-committees in order to investigate in detail the implications and requirements in the various public sectors mentioned hereunder:

1) Government Departments and Para-Statal Bodies
2) Industry, Agriculture and Tourism
3) Port and Communications
4) Traders and Retailers
5) Building and Construction
6) Medical and Pharmaceutical
7) Education
8) Publicity.

The sub-committees carried out useful preparatory work and liaised with Government Departments and para-statal bodies to facilitate the implementation of the changeover programme preferably through administrative action taken by departments in virtue of existing regulations.

## Publicity

During the transition period from the use of Imperial/Maltese to Metric, the Committee will educate the public by means of a phased publicity campaign utilising the mass media in which wall charts, leaflets, conversion tables and booklets will feature. In April a filmlet

F'April intwera film qasir fuq it-TV Malta. Hemm ukoll il-ħsieb li ssir serje ta' taħditiet edukattivi, konferenzi u/jew diskussjonijiet fuq it-TV Malta u r-radju.

## Kejl Lineari fl-1977

Ma' l-aħbar f'Novembru li għadda dwar il-pulitika tal-Gvern dwar l-introduzzjoni tas-sistema metrika, il-Kumitat minnufih ħa passi biex jimplimenta l-kejl lineari metriku.

Sabiex il-qlib għas-sistema metrika jsir b'mod faċli kemm jista' jkun, li "Standing Advisory Committee on Metrication" kiteb lill-Kamra tal-Kummerċ, lill-Federazzjoni ta' l-Industriji Maltin, lill-"General Retailers' and Traders' Union" kif ukoll lill-Kamra tal-Periti għall-koperazzjoni siewja tagħhom sabiex il-qlib għas-sistema l-ġdida jitwettaq kif hemm pjanat bl-inqas inkonvenjenza għall-pubbliku.

## Progress

Il-Kumitat iħabbar dan il-progress f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-introduzzjoni tal-kejl lineari metriku:

- Daqs ġdid tal-ġebla ta' kejl metriku b'seħħ minn Mejju, 1976.
- Id-Dwana qalbet għal kollox għas-sistema metrika b'seħħ minn Jannar, 1977.
- Il-Posta qalbet għal kollox għas-sistema metrika b'seħħ minn Jannar, 1977.
- B'seħħ minn Jannar 1977 it-tul ta' persuni fuq il-passaporti Maltin qed jitniżżel bil-metri.
- B'seħħ minn Jannar, 1977, it-tbassir tat-temp qed jingħata bis-sistema metrika u dik imperjali.
- Edukazzjoni: L-Università kif ukoll l-iskejjel Primarji u Sekondarji diġà qalbu għas-sistema metrika. Il-Polytechnic u l-Iskejjel tas-Snajja' jkunu qalbu għas-sistema l-ġdida sa Settembru li ġej.

was shown on TV Malta. It is also planned to hold a series of educational talks, conferences and/or discussions on TV Malta and radio.

## Linear Measures in 1977

With the announcement last November of the Government policy on the introduction of metrication, the Committee immediately took action for the implementation of metric linear measures.

In order to facilitate the smooth changeover to the metric system, the Standing Advisory Committee on Metrication has written to the Chamber of Commerce, the Federation of Malta Industries, the General Retailers and Traders Union as well as to the Chamber of Architects for their valuable co-operation in order that the changeover can be effected as programmed with the minimum inconvenience to the public.

## Progress

The Committee reports the following progress as regards the introduction of metric linear measures:

- New stone size in metric measure as from May, 1976.
- Customs went completely metric as from January, 1977.
- The Post Office went metric as from January, 1977.
- As from January, 1977, the height of persons in Malta passports is being shown in metres.
- As from January, 1977, weather forecasts have been released in both metric and imperial.
- Education: The University as well as Primary and Secondary Schools are already metric. The Polytechnic and Trade Schools will complete their programme by September next.

Il-Bord tal-Gass diġa ' qed juża unitajiet metriċi.

Id-drittijiet, fuq is-sistema metrika, li jħallsu l-yachts bdew iseħħu fil-21 ta' Frar, 1977.

Ir-Regolamenti dwar ir-Rati tal-Port issa qed jiġu applikati bis-sistema metrika u ma jdumux ma jiġu ppubblikati l-emendi meħtieġa għal dawn ir-regolamenti.

Ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur li ġew riveduti biex juru unitajiet metriċi jiġu ppubblikati fi żmien qasir.

Notifikazzjoni biex tieqaf l-importazzjoni, b'seħħ mill-1 ta' Lulju 1977, ta' kwalunkwe użin, kejl jew strumenti li jiżnu jew ikejlu li ma jkunux kalibrati f'SI Units ġiet pubblikata fit-18 ta' Marzu, 1977.

F'Marzu ħarġet tabella li turi l-kejl lineari, kemm Imperjali kif ukoll Malti, u l-ekwivalenti metriċi tagħhom. (SACM 2/77)

L-Artikoli 22 u 23 ta' l-Ordinanza dwar l-Użin u l-Kejl ġew imħassra bl-Att Nru. XI ta' l-1977.

Qed tiġi stampata mappa tal-Gżejjer Maltin li turi d-distanzi bil-kilometri.

Il-Liċenzi tal-Barrieri maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija huma f'unitajiet kemm metriċi kif ukoll imperjali.

## Is-Sistema Metrika u s-Sewwieq

Il-Kumitat ħataf l-okkażjoni tat-tiġdid tal-liċenzi tal-karozzi u tas-sewqan għall-1977 u ħareġ "sticker" li jindika il-veloċita' bis-sistema metrika. L-għan tal-ħruġ ta' dan li "sticker", li ġie mqassam b'xejn, kien li jgħallem lis-sewwieq l-użu tas-sistema metrika. Is-sidien kollha tal-karozzi ġew mogħtija parir biex iwaħħlu li "stickers" fuq li speedometer tagħhom, kemm-il darba dan ma kellux diġa' ż-żewġ sistemi.

The Gas Board is already using metric units.

Yachting fees in metric came into effect on February 21, 1977.

Port Rates Regulations are now being applied in metric and the necessary amendments to these regulations are being published shortly.

The Motor Vehicles Regulations which have been revised to show metric units will be published in due course.

A notice to stop importation as from 1st July, 1977, of any weights, measures or weighing or measuring instruments not calibrated in SI Units was published on March 18, 1977.

A table showing linear measures in both imperial and Maltese and their equivalents in metric was issued in March, 1977 (SACM 2/77).

Sections 22 and 23 of the Weights and Measures Ordinance (Cap. 62) have been repealed (cfr Supplement to Government Gazette No. 13347).

A map of the Maltese Islands showing distances in kilometres is being printed.

Quarry Licences issued by the Commissioner of Police are in both metric and imperial units.

## Metrication and the Motorist

The Committee took the opportunity of the renewal of motor car and driving licences for 1977 and decided to issue a speed indicator sticker in metric units. The sticker, which was supplied free, was aimed at educating the motorist in the use of metric units. All motor owners were advised to fix the stickers on to their speedometer unless this was already provided in dual readings.

Il-Kumitat ħareġ ukoll kartellun li juri l-qari ta' li speedometer fuq is-sistema imperjali u l-ekwivalenti metriċi tiegħu. (SACM 1/77).

The Committee also published a chart showing speedometer readings in both imperial and metric equivalents (SACM 1/77).







Il-Kummissarju tal-Pulizija, bi ftehim ma' li "Standing Advisory Committee on Metrication", qed jieħu sehem attiv fil-qlib tal-kejl imperjali kollu sa fejn għandhom x'jaqsmu:

(a) ir-Regolamenti tal-1948 dwar il-Vetturi bil-Mutur;

The Commissioner of Police has, in collaboration with the Standing Advisory Committee on Metrication, been actively engaged in the conversion to metric units of all imperial measures as they affect the

(a) Motor Vehicles Regulations, 1948;

(b) ir-Regolamenti tal-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata;

(ċ) it-Tariffa tan-Nolijiet tal-Karozzi tal-Linja — Parti IV — Nolijiet għal Kiri Privat, Minibuses li jġorru t-tfal ta' l-iskejjel; u

(d) ir-Regolamenti tal-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija.

Huwa ttamat illi r-Regolamenti emendati msemmija hawn fuq jibdew iseħħu ftit xhur oħra.

Il-"Highway Code" ta' Malta għandu wkoll jiġi stampat mill-ġdid biex juri l-kejl metriku. Għandu joħroġ foljett bħala żieda għal ma' l-edizzjoni preżenti tal-"Highway Code", għall-benefiċċju ta' sewwieqa ġodda sakemm jiġi stampat mill-ġdid il-Highway Code ta' Malta.

Is-sinjali tat-toroq li juru l-limiti ta' veloċità qegħdin ukoll jiġu mibdula biex ikunu jaqblu mal-veloċitajiet metriċi f'kilometri fis-siegħa kif approvati mill-Bord dwar il-Kontroll tat-Traffiku. Ir-restrizzjonijiet il-ġodda ta' veloċità huma: —

| | F'inħawi Mibnija | Barra nħawi Mibnija |
|---|---|---|
| Karrozzi u Muturi ... | 40 km/h (25 mph) | 65 km/h (40 mph) |
| Karrozzi li jġorru l-mejtin | 40 km/h (25 mph) | 65 km/h (40 mph) |
| Buses u Coaches ... | 35 km/h (20 mph) | 50 km/h (30 mph) |
| Vetturi li jġorru merkanzija ... ... ... | 35 km/h (20 mph) | 35 km/h (20 mph) |
| Vetturi ta' rmonk ... | 25 km/h (15 mph) | 25 km/h (15 mph) |
| Vetturi ta' l-invalidi u tractors ... ... | 15 km/h (10 mph) | 35 km/h (20 mph) |

Huwa fl-interess ta' dawk kollha konċernati li ma jeċċedux il-limiti ta' veloċita' ta' hawn fuq biex jiġu evitati d-disgrazzji barra li fl-istess ħin jikkunsmaw inqas "fuel".

(b) Traffic Signs and Carriageway Markings Regulations, 1969;

(c) Tariff of Bus Fares — Part IV — Fares for Private Hire, Minibuses conveying school-children, and

(d) Police Licences Reguations, 1949.

It is hoped that the above amended Regulations will come into force in the next few months.

The Malta Highway Code is likewise being reprinted showing metric measures. A loose-leaf addendum to the present edition of the Malta Highway Code will soon be available, for the benefit of new drivers until a reprint of the Malta Highway Code becomes available.

Road signs showing speed limits are also being changed to conform with the new metric speeds in kilometres per hour as approved by the Traffic Control Board. The new speed restrictions are as follows: —

| | In Built-up Areas | Outside Built-up Areas |
|---|---|---|
| Motorcars and Motor cycles ... ... | 40 km/h (25 mph) | 65 km/h (40 mph) |
| Motor hearses ... ... | 40 km/h (25 mph) | 65 km/h (40 mph) |
| Buses and Coaches ... | 35 km/h (20 mph) | 50 km/h (30 mph) |
| Goods Vehicles ... ... | 35 km/h (20 mph) | 35 km/h (20 mph) |
| Towing Vehicles ... | 25 km/h (15 mph) | 25 km/h (15 mph) |
| Invalid carriages and tractors ... ... | 15 km/h (10 mph) | 35 km/h (20 mph) |

It is in the interest of all concerned that the above speed limitations be NOT exceeded in order to spare lives, besides saving on fuel.

## UNITAJIET METRIĊI GĦALL-UŻU TA' KULJUM

L-Unitajiet bażiċi u s-simboli tagħhom huma:—

| *Kwantità* | *Unità* | *Simbolu* |
|---|---|---|
| Temperatura | grad Celsius | °C |
| Tul | millimetru<br>ċentimetru<br>metru<br>kilometru | mm<br>cm<br>m<br>km |
| Kejl tal-Wiċċ | ċentimetru kwadru<br>metru kwadru<br>hectare | cm²<br>m²<br>ha |
| Volum jew kapaċità | ċentimetru kubu<br>litru<br>metru kubu | cm³<br>l<br>m³ |
| Użin (jew massa) | gramm<br>kilogramm<br>tonne | g<br>kg<br>t |
| Ħin | sekonda | s |
| Veloċità fuq l-art | kilometri fis-siegħa | km/h |
| Pressjoni fit-tyres | kilopascal | kPa |

## METRIC UNITS FOR EVERYDAY USE

The base units and their symbols are:—

| *Quantity* | *Unit* | *Symbol* |
|---|---|---|
| Temperature | degree Celsius | °C |
| Length | millimetre<br>centimetre<br>metre<br>kilometre | mm<br>cm<br>m<br>km |
| Area | square centimetre<br>square metre<br>hectare | cm²<br>m²<br>ha |
| Volume or capacity | cubic centimetre<br>litre<br>cubic metre | cm³<br>l<br>m³ |
| Weight or mass | gram<br>kilogram<br>tonne | g<br>kg<br>t |
| Time | second | s |
| Speed on land | kilometre per hour | km/h |
| Pressure in tyres | kilopascal | kPa |

F'Marzu 1977, il-Kumitat ħareġ tabella tal-qlib, murija hawn wara, li tagħti ċerti ekwivalenti metriċi ta' kejl Malti u Ingliż li huma fl-użu komuni ta' kuljum. Il-qisien żgħar li huma nklużi fit-tabella tal-qlib jintużaw l-iktar f'dawk is-setturi li jinnegozjaw fl-injam, ħwienet taż-żebgħa u tad-drappijiet.

L-għan ta' dawn it-tabelli tal-qlib huwa li jgħin lill-pubbliku biex jiffamiljarizża ruħu fl-użu tal-kejl metriku.

In March, 1977, the Committee issued a conversion table (SACM 2/77), reproduced overleaf, giving certain metric equivalents of Maltese and English measures which are in common daily use. The small measurements included in the conversion table serve for the needs of those sectors trading in timber, the ironmonger and drapery shops.

The aim of these conversion tables is that of educating the public in the use of metric measures.

# MALTA TAQLEB GHAS-SISTEMA METRIKA

## metri MHUX jardi    millimetri MHUX pulzieri

**Ftakar li metru (m) fih 100 ċentimetru (cm) jew 1000 millimetru (mm)**




| ins | | mm |
|---|---|---|
| 1/8 | Linja | 3 |
| 3/16 | Linja u nofs | 5 |
| 1/4 | Kwart | 6 |
| 3/8 | Tliet linji | 10 |
| 1/2 | Nofs pulzier | 13 |
| 5/8 | Hames linji | 16 |
| 3/4 | Tliet kwarti | 19 |
| 7/8 | Seba' linji | 22 |
| 1 | Pulzier | 25 |
| 1 1/4 | Pulzier u kwart | 32 |
| 1 1/2 | Pulzier u nofs | 38 |
| 1 3/4 | Pulzier u tliet kwarti | 44 |
| 2 | Żewġ pulzieri | 51 |
| 3 | Tliet Pulzieri | 76 |
| | | **cm** |
| 9 | Kwart ta' jarda | 23 |
| 12 | Pied | 30 |
| 18 | Nofs jarda | 46 |
| 27 | Tliet kwarti ta' jarda | 69 |
| 36 | Jarda | 91 |
| | | **m** |
| 54 | Jarda u nofs | 1.4 |
| 72 | Żewġ jardi | 1.8 |




# MALTA GOES METRIC

## metres NOT yards    millimetres NOT inches

**Remember that 1 m = 100 cm = 1 000 mm**

SACM 2.77 —

Issued by THE STANDING ADVISORY COMMITTEE ON METRICATION

Stamperija tal-Gvern